*Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.*

ECHA/PR/12/08
Mistoqsijiet mill-Midja: L-Istampa ECHA

# Il-Bord Amministrattiv tal-ECHA jappoġġa x-xogħol tal-Aġenzija u lid-Direttur Eżekuttiv

## Il-Bord Amministrattiv tal-ECHA ffinalizza l-proċedura ta' prolungament tal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv fil-25 laqgħa tiegħu u ħa deċiżjonijiet strateġiċi u baġitarji importanti.

**Ħelsinki, 23 ta' Marzu 2012** – Il-Bord Amministrattiv tal-ECHA kkonkluda l-proċedura ta' evalwazzjoni relatata mal-prolungament tal-mandat tas-Sur Geert Dancet bħala d-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija. Wara d-diskussjoni finali dwar il-kompiti u l-isfidi futuri tal-Aġenzija, il-Bord iddeċieda b'mod unanimu li s-Sur Dancet huwa adattat sabiex imexxi l-Aġenzija lejn objettivi futuri, u li skont l-Artikolu 84(2) tar-Regolament REACH, il-mandat tiegħu bħala Direttur Eżekuttiv għandu jiġi mtawwal għal mandat ieħor ta' ħames snin mill-1 ta' Jannar 2013. Il-proċedura ta' prolungament inbdiet f'Settembru 2011 u evalwazzjoni tal-ewwel mandat tad-Direttur Eżekuttiv ġiet konkluża f'Diċembru 2011.

Thomas Jakl, il-President tal-Bord Amministrattiv: "Jiena partikolarment kuntent bil-proċess ta' evalwazzjoni bażi relatat mad-deċiżjoni ta' prolungament meħuda fir-rigward tal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv. Din kienet ferm aktar minn sempliċi proċedura amministrattiva minħabba li ppermettiet lill-Bord sabiex jiddiskuti u jaqbel mal-amministrazzjoni tal-Aġenzija dwar il-miri strateġiċi futuri tal-ECHA u dwar kif dawn għandhom jiġu implimentati fil-programm ta' ħidma multiannwali."

Il-Bord Amministrattiv adotta wkoll ir-Rapport Ġenerali tal-ECHA għall-2011 u approva l-abbozz tal-programm ta' ħidma multiannwali 2013-2015 għal konsultazzjoni pubblika. Iż-żewġ dokumenti sejrin ikunu disponibbli dalwaqt fuq is-sit elettroniku tal-ECHA.

Aktar deċiżjonijiet meħudin fil-laqgħa inkludew il-proposta baġitarja għall-2013 lill-Kummissjoni, l-adozzjoni ta' Kodiċi ta' Kondotta tal-Bord ta' Amministrazzjoni u deċiżjoni strateġika dwar l-approċċ futur lejn il-verifika tal-istejtus ta' reġistranti tal-SME.

Aktar tagħrif dwar il-laqgħa sejjer ikun disponibbli fil-jiem li ġejjin u dan sejjer jiġi ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-ECHA.

## Aktar tagħrif

Il-konklużjonijiet preliminari tal-laqgħa tal-Bord Amministrattiv sejrin jiġu ppubblikati dalwaqt fuq:
http://echa.europa.eu/mt/management-board-documents

Il-paġni web tal-Bord Amministrattiv:
http://echa.europa.eu/mt/about-us/who-we-are/management-board